MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 46/2021 LM

**Sujan Khatri**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Sujan Khatri (Detentur tal-Passaport Nepaliż Numru 09522786)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tat-30 ta' April, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddeċieda illi jiċħad l-appell ippreżentat minnu mid-

deċiżjoni mogħtija mill-**Aġenzija Identity Malta** datata 16 ta' Settembru, 2020 għar-raġunijiet hemm imfissra, u astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw *residence permit application for the purpose of employment* li kien għamel l-appellant lill-Aġenzija Identity Malta, liema applikazzjoni kienet ġiet miċħuda minnha fis-16 ta' Settembru, 2020, u kkommunikata lilu fis-7 ta' Ottubru, 2020, fejn Identity Malta ċaħdet l-applikazzjoni tal-appellant abbażi ta' dikjarazzjoni minn Jobsplus illi l-*employer* prospettiv tal-appellant naqas milli jipprovdi xi informazzjoni mitluba lilu fir-rigward tal-applikazzjoni tal-appellant.

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri ta' appell quddiem il-Bord fid-9 ta' Ottubru, 2020, fejn talab sabiex jiġi dikjarat li r-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux raġonevoli, inġusti, u skorretti, stante li r-raġuni mogħtija għar-rifjut kienet li l-applikazzjoni *"was not recommended for approval by Jobsplus because your prospective employer failed to provide the necessary feedback requested for the processing of the application".* Għalhekk talab illi l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi milqugħa.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. Il-Bord ċaħad l-appell għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej:

*"2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that this appeal was filed outside the time limit of three working days established by Article 25A(7) of the Immigration Act. After examining the documentation submitted by the appellant, the Board found that neither the appellant nor the prospective employer provided any explanation for the manifest lateness of the appeal.*

*Consequently, the appeal is being declared null."*

## <u>L-Appell</u>

5. L-appellant ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-12 ta' Mejju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-appell tagħha. Jgħid li jħossu aggravat b'dik id-deċiżjoni għaliex (i) l-appellant qatt ma ġie infurmat minn Jobsplus x'kienet ir-raġuni speċifika għalfejn l-applikazzjoni tiegħu għal Single Permit ġiet miċħuda, u x'kienet l-informazzjoni mitluba mill-*employer* prospettiv tiegħu, u jgħid li Jobsplus naqsu milli jwieġbu, jipprovdu spjegazzjoni jew jissottomettu dokumenti quddiem il-Bord; (ii) il-Bord ma' ħax inkonsiderazzjoni d-dokumentazzjoni prodotta mill-appellant sabiex isostni l-pożizzjoni tiegħu. Jgħid ukoll illi dan l-aggravju huwa

bbażat fuq żbalji lampanti u nuqqas ta' komunikazzjoni bejn entitajiet statali involuti fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu. Ir-rikors tal-appell tal-appellant, flok ġie ppreżentat fil-konfront tal-Aġenzija Identity Malta bħala appellata, ġie ppreżentat fil-konfront tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni,

## Ir-Risposta tal-Appell

6. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni wieġeb fit-22 ta' Ġunju, 2021, fejn qed isostni li l-appell interpost għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant, stante li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet odjerni. Il-Bord jgħid illi persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' enti ġudikanti għandha tintavola appell kontra l-parti kontradittorju u mhux kontra l-enti ġudikanti. Għaldaqstant il-Bord talab li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-appellant.

7. In vista tas-suespost, il-Bord irrileva illi ċ-chairman u l-membri ta' enti ġudikant bħalma huwa l-Bord, mhumiex tenuti li jispjegaw ir-raġunament tagħhom bħala ġudikaturi illi wassalhom għad-deċiżjoni appellata.

8. Il-Bord irrileva wkoll li ġialadarba d-deċiżjoni tal-Bord hija datata 30 ta' April, 2021 u l-appellant intavola appell quddiem dina l-Qorti fit-12 ta' Mejju, 2021, tali appell ġie mressaq tardivament u oltre t-terminu ta' għaxart (10) ijiem kif stipulat fl-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement dina l-Qorti għandha tiddikjara l-appell odjern bħala tardiv.

9. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-23 ta' Awwissu, 2021, l-appellant talab illi tiġi kjamata fil-kawża l-Aġenzija Identity Malta. Permezz ta' digriet tas-17 ta' Settembru, 2012, il-Qorti ċaħdet it-talba stante li skont l-artikolu 961 tal-Kap. 12 li jirregola l-istitut tas-sejħa fil-kawża, din hija permessa biss quddiem qorti tal-ewwel grad. Barra minn hekk, is-sejħa fil-kawża ma tistax tintuża biex fil-kawża jiddaħħal konvenut ieħor flimkien mal-konvenut oriġinali li ma messu qatt ġie mħarrek, jew ġie mħarrek ħażin. Din il-Qorti qieset ukoll illi l-uniku mod biex jiġi ssanat l-iżball fejn ġie ċċitat bħala appellat f'dawn il-proċeduri l-enti ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju li ta d-deċiżjoni appellata, minflok il-parti appellata vera u proprja, kien li tintalab li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-appell *ai termini* tal-artikolu 175(2) tal-Kap. 12, bil-kontroparti li tagħti ruħha b'notifikata bl-atti kif korretti u li tirrinunzja għal kull terminu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Il-Qorti qabel kull ħaġa oħra, ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell imressqa mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, li jsostni li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur sabiex iwieġeb għall-aggravji mressqa mill-appellant. Id-determinazzjoni dwar jekk il-Bord appellat huwiex il-leġittimi kontradittur għall-aggravji tal-appellant hija waħda fundamentali, stante illi jekk tiġi milqugħa din l-eċċezzjoni, il-Qorti ikollha tieqaf hawn u tgħaddi biex tillibera lill-Bord appellat mill-osservanza tal-ġudizzju

11. Fir-risposta tal-appell imressqa mill-Bord, dan jgħid illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur, 'il għaliex il-parti li tħossha aggravata bid-deċiżjoni appellata għandha dritt li tippreżenta appell kontra l-parti in kontradittorju, u

mhux kontra l-enti ġudikanti. Il-Bord talab għalhekk li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

12. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Elton Taliana *vs.* Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali Dr Emanuel Mallia**[1] ġie ritenut illi fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju minn deċiżjonijiet ta' tribunali jew bordijiet statutorji, il-leġittimu kontradittur huwa l-kontroparti fil-proċediment, u mhux il-bord jew tribunal li jkun.

12. Għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjoni tal-Bord appellat illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, li għandu għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, (i) tiddikjara li l-Bord mhuwiex il-leġittimu kontradittur u filwaqt li tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu; (ii) tiddikjara l-appell odjern irritu u null u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż tal-proċeduri kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

---

[1] P.A., 16.03.2015.